**1 ta' Ġunju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Farrugia

**Investiment — Ħtija kontributorja.**

*Jekk il-ħtija tal-investit tkun l-unika kawża ta' dak li jiġri, allura l-ħtija tal-konduċent ta' veikolu tkun eskuża; altrimenti, jekk il-ħtija tal-investit tkun biss konkorrenti u kontributorja, ir-responsabbiltà kriminali tal-konduċent tal-veikolu tibqa' l-istess, salva, in sede kriminali, il-miżura tal-piena.*

Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni preżentata mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imsemmi *Joseph Farrugia*, li biha dan ġie imputat talli r-Rabat, fil-għaxra (10) ta' Novembru 1962, għal xi siegħa ta' wara nofs in-nhar, saq motor-cycle b'ġiri aktar milli jmissu, — b'manjera perikoluża — u, barra minn dan, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġini, u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, laqat u tefa' mal-art lil Joseph Gauci ta' wieħed u ħamsin sena, u kkaġunalu ferita ta' natura gravi minħabba dewmien, skond ma ċċertifika verbalment Dottor Rapa, — bit-talba tal-Prosekuzzjoni li l-imputat jiġi skwalifikat milli jkollu liċenzji tas-sewqan għall-perjodu ta' mhux anqas minn tliet (3) xhur;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-tlieta (3) ta' April 1963, li biha l-imputat ġie misjub mhux ħati tal-imputazzjoni ta' sewqan bi speed eċċessiv u ta' sewqan b'manjiera perikoluża, iżda ħati ta' sewqan b'manjiera traskurata, u ġie kkundannat għall-piena tal-multa ta' ħames (5) liri, u għas-sospensjoni tal-liċenzja għal żmien tmien (8) tijiem in raġun ta' dik l-imputazzjoni, fil-waqt li dik il-Qorti assolvitu mit-tnejn l-oħra;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella minn dik id-deċiżjoni, u talab li jiġi interament assolt;

Trattat l-appell;

*Ikkunsidrat:*

Fil-ġurnata fuq imsemmija, għal xis-siegħa ta' wara nofs in-nhar, l-imsemmi Joseph Gauci kien sejjer bil-mixi fid-direzzjoni tar-Rabat, minn Bir ir-Riebu u ġie nvestit mill-imputat, ġuvnott ta' dsatax (19) il-sena, li kien qed isuq motor-cycle fid-direzzjonì opposta, ċioè ġej mir-Rabat dirett għall-Baħrija. In konsegwenza tas-sinistra, l-investit Gauci kellu riġlejh it-tnejn fratturati;

It-tesi defensjonali li fis-sens li l-kawża tal-investiment kien il-fatt li Gauci qasam f'daqqa waħda minn quddiem l-appellant, u li, għalhekk, l-appellant għandu jiġi eżonerat minn kull kolpabilità fl-inċident;

Dan il-proċess, għalhekk, jartikola ruħu fuq il-prinċipji li jirregolaw ir-responsabilità tal-utent ta' veikolu u dik tal-pedestrian in relazzjoni għall-investiment ta' dan tal-aħħar, u hu spedjènti, għaldaqstant, li jiġu enunċjati **in extenso** dawn il-prinċipji, li għandhom jiggvernaw il-każijiet singoli, avut rigward għaċ-ċirkostanzi ta' kull fattispeċje;

Ikkunsidrat:

Erbgħa huma l-każijiet li jistgħu jipprospettaw ruħhom —

(1) dak li fih la wieħed u lanqas l-ieħor ma jkollhom tort, u l-akkadut ikun l-effett ta' fortuitu;

(2) dak li fih ikollu tort unikament l-utent tal-veikolu, bla ma jikkonkorri bl-ebda mod il-pedestrian fir-responsabilità tas-sinistru, — liema każ jikkonduċi għar-responsabilità pjena tal-ewwel wieħed;

(3) dak li fih ikun hemm it-tort tal-utent tal-veikolu, imma jkun hemm ukoll il-kolpa **konkorrenti** tal-pedestrian, u,

f'dan il-każ, il-konsegwenza tkun li, in sedi kriminali, l-ewwel wieħed jirrispondi l-istess (salva l-konsiderazzjoni tal-entità tal-piena), u, in sedi ċivili, ikun hemm lok għas-solita allokazzjoni tad-danni li ssir fil-każ ta' **concorro di colpe.**

(4) dak li fih ikun **unikament** responsabili l-pedestrian, f'liema każ l-utent tal-veikolu jiġi eżonorat **in toto.**

Ikkunsidrat:

L-ewwel żewġ każijiet ma jirrikjedux kommenti. Dwar l-aħħar tnejn però, huwa utili — biex jiġi illustrat l-allineament korrett tal-ġurisprudenza ta' din il-Qorti f'każijiet oħra vis-a-vis id-dottrina u l-ġurisprudenza Ingliża u Taljana — li jiġu ċitati prinċipji regolaturi;

Fit-test tal-**Harris** — Principles & Practice of the Criminal Law — Ediz. Wilshere — paġ. 199, f'materja analoga ta' omiċidju kolpus, jingħad, "it is no defence that the deceased person was negligent, and that his negligence CONTRIBUTED to his death. But it would be a defence if the death was CAUSED by the act of the deceased" — Hekk ukoll fit-test "An Introduction to Criminal Law" ta' **Cross and Jones,** jingħad a paġ. 228-229 "...in such circumstances the **contributory** negligence of the deceased is irrelevant. It should be added, however, that if the deceased's negligence was **ENTIRELY** responsible for his death, so that it could be said that this would have occurred quite independently of any negligence on the part of the accused, there would have been no homicide for which the accused would be held responsible". L-istess il-**Kenny** "Outlines of Criminal Law" p. 150 jgħid illi "**contributory** negligence is no defence in **criminal** law" u jiċċita diversi ġudikati tal-Qrati Ingliżi n-nota in kalċe tal-paġina, u jżid jgħid, in nota, b'ċitazzjoni ta' sentenza oħra, "but may mitigate the sentence", vuoldiri l-piena. U

b'applikazzjoni ta' din ir-regola li n-negliġenza kontributorja ma hijiex skriminanti, dan l-awtur jiċċita l-każ li fih "Quain J. held that if a man lay drunk in the middle of the road, and did not get out of the way of a vehicle, were driven over by it and killed, the driver would be indictable". U ċ-**Charlesworth**, fil-ktieb tiegħu "The Law of Negliġence", dejjem in applikazzjoni ta' l-istess norma, jiċċita l-każ l-iehor "where a child, in charge of its grandfather, was crossing the road, and the grandfather, startled by the approach of the defendant's omnibus, *released the child's hand and the child was run over*, the defendants were held liable, although it was found that there was **contributory** negligence on the part of the grandfather" (pp. 489-490 — Oliver vs. Midland Motor Omnibus Company, (1933), i K.B. 35;

Ikkunsidrat:

Hi għal kollox simili d-dottrina u l-ġurisprudenza Taljana.

Fit-test "Il Codice della Strada Commentato" ta' **Tommaso Perseo Dante Guerrieri"** il-kwistjoni tiġi mqegħda fit-termini preċiżi tagħha b'dawn il-kliem —

> "Il fatto che esista una condotta colposa del conducente di veicolo non importa necessariamente una sua responsabilità per il sinistro interessante un pedone, giacchè si tratta di accertare, caso per caso, se l'evento sia rapportabile a tale condotta o non piuttosta **IN VIA ESCLUSIVA** al comportamento del pedone".

Ikompli jgħid —

> "che anche ravvisandosi un rapporto di causalità tra il comportamento *colposo del conducente e l'evento, l'esa-*

me della condotta della vittima non può e non deve essere omesso, necessario *non soltanto alla valutazione del* danno, ma anche per stabilire il grado della colpa, e quindi la misura della pena"

u jżid jgħid —

"che il comportamento colposo, anche grave, del pedone, non esime il conducente dell'auto veicolo di fare tutto quanto ancora possibile per evitare l'investimento, ma che ogni colpa del conducente medesimo deve essere valutata come di nessuna influenza nel processo di causazione dell'evento difronte alla colpa **assorbente** del pedone, che sia stata causa **ESCLUSIVA** del sinistro".

Għalhekk għat-tenur ta' dawn il-prinċipji, jekk il-ħtija tal-kondućent tal-veikolu ma tiġix eskluża **aliunde** bil-każ fortuit, jew jekk ma tiġix eskluża **ut sic** mill-provi, b'mod li tkun ineżistenti, allura, in relazzjoni għall-komportament talinvestit, tista' tiġi eskluża biss fil-każ li l-ħtija ta' dan l-investit tkun l-unika kawża **esklusiva** tal-akkadut, — altrimenti, jekk il-ħtija tal-investit tkun biss **konkorrenti u kontributorja**, **ir-responsabilità** kriminali tal-kondućent tal-veikolu tibqa' listess, salva, in sede **kriminali**, il-miżura tal-piena, u salva, in sede **civili**, id-distribuzzjoni proporzjonali tad-danni;

Ikkun*sidrat*:

Fissati dawn il-kriterji normativi, hu issa aġevoli li l-Qorti tgħaddi għall-eżami tal-provi;

Jista' jingħad mill-ewwel illi x-xhieda tal-appellant, mhux talli ma hijiex diskolpanti u rassikuranti, imma anzi tammonta prattikament għall-autoinkolpazzjoni. L-appellant jgħid li Gauci, il-pedestrian, kien ġej faċċata tiegħu, ċioè mid-

direzzjoni opposta, u kompla jgħid —

> "...kien fuq in-naħa tiegħi, jien u tiela, jien mort ngħaddi minn nofs it-triq biex nevitah, mentri huwa, malli rani, ta s-salt biex imur fuq is-side tiegħu, u malli jiena rajtu jagħmel hekk, erġajt tajt is-salt, *imma ma lħaqtx għaddejt*".

L-ewwelnett, *din* il-versjoni donnha tikkontjeni l-addebitu lil Gauci ta' nuqqas li hu għal kollox assurd. Donnu li l-appellant qed jippretendi li Gauci, li kien *mhux* isuq imma *miexi, kien taħt xi obbligu li jżomm fuq ix-xellug, bħal ma* jżommu l-vetturi. L-uniku obbligu, li seta' kellu Gauci, kien ikun *dak li jimxi* fuq *il-bankina*, imma f'din it-triq bankina ma hemmx (xh. Surġ. Mifsud). Ma hemm lanqas ebda regolament stradali li, f'dak il-pont, il-*pedestrians* għandhom *jżommu fuq ix-xellug. Anzi*, għandu *jingħad li*, anki kieku kien veru li Gauci kien għaddej fuq il-**lemin** tiegħu tħares lejn ir-Rabat, *dan kien ikun* skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-**Highway Code**, u mhux kontra. Dan il-Code infatti (ara ediz. tal-1959) jippreskrivi hekk —

> "Where there is a pavement or adequate footpath, use it".
>
> (Rule 1)

> "Where there is no adequate footpath, walk on the **RIGHT** of the road to face oncoming traffic".
>
> (Rule 3).

U hekk għandu *jkun*, għaliex, *meta* l-*pedestrian iżomm* fuq il-**lemin**, hu jevita l-perikoli tat-traffiku li jkun ġej minn warajh, *li jkun in-naħa* l-oħra fuq ix-xellug, u, kwantu għattraffiku ta' quddiemu, ikun jista' jarah.

Iżda, *fil-fatt, lanqas* hu veru li Gauci kien fuq il-lemin, u li għalhekk *kif donnu jippretendi* l-appellant, Gauci ġie *inaspettatament fi triqtu*. Ix-xhud Paolo Micallef jgħid li hu kien ra lil Gauci ftit qabel ma ntlaqat, — x'ħin rah, Gauci kien *għan-nofs* it-triq, imma mbagħad x'ħin Gauci mexa xi erbgħin jew ħamsin pass, laħaq mar fuq ix-xellug, fejn ġie *milqut*. Fil-fatt, kif jidher mill-iskizz eżibit, u mix-xhieda konfermatorja tas-Surġent Mifsud, l-investiment sar fuq ix-xellug, tħares lejn ir-Rabat. Dan juri li aktarx kien fuq innaħa ħażina, l-appellant, — ċirkostanza li setgħet anki ssorprendiet lil Gauci, li kien ġustifikat jistenna li almenu t-traffiku ġej mill-faċċata ma jiġix għal fuqu, għad li jkun qed jesponi ruħu għat-traffiku ta' warajh. — Il-ferut Gauci qal, fix-xhieda tiegħu, li hu kien fuq ix-xellug, xi erba' (4) piedi bogħod mill-ħajt tax-xellug, u l-punt "A" fuq l-iskizz — li jindika l-lok tal-investiment — hu appuntu *dik id-distanza* mill-ħajt tax-xellug, u hemm ġie riskontrat id-demm fl-art, — fl-iskizz jingħad "blood stains of *pedestrian*", — jekk id-demm kienx ta' Gauci jew tal-appellant, ukoll Ferut, ma jistax jingħad, imma hu ċert li kien *hemm id-demm*, tal-wieħed jew tal-ieħor;

*Kompla jgħid* l-appellant, *fix-xhieda tiegħu, li x'ħin* ra lil Gauci *hu kien xi għoxrin, jew* ħamsa u għoxrin pied, bogħod *minnu*. Din *il-Qorti seduta stante ħadet l-impressjoni li* l-appellant *ma* kienx qed japprezza sewwa l-misurazzjoni li kien qed jagħti, u għalhekk, staqsietu jindika d-distanza fuq *il-proporzjon* tal-Awla Kriminali, u l-appellant qal li d-distanza kienet mill-aħħar tieqa, li hemm ħdejn il-bankijiet tal-Awla fil-faċċata, sat-tribuna, — kważi t-tul tal-Awla. Il-Qorti, permezz tad-Deputat Reġistratur tagħha, qieset din id-distanza, li hija disgħa u tletin (39) pied, ċioè t-tul tal-Awla, li hu ħamsin pied (50), nieqes il-wasa tat-tieqa, u tal-biċċa ħajt ta' wara t-tieqa — ħamsa (5) u sitt (6) piedi, rispettivament. Jiġi, għalhekk, li, meta l-appellant ra lil Gauci, hu kien qiesu

erbgħin (40) pied il-bogħod minnu. Intant, l-appellant ma żammx, u baqa' dieħel ġew il-pedestrian Gauci u l-mutur, aktarx bl-appellant għadu fuqu, baqa' sejjer għal tnejn u erbgħin (42) pied oħra sal-punt B, fejn ukoll kien hemm id-*demm,* — *imbagħad il-mutur, forsi anki "riderless"* f'dan l-istadju, skiddja diagonalment mal-wasa tat-triq, sittax-il pied u nofs, u spiċċa fil-pont "D", mija u erbgħin (140) pied bogħod mill-point of impact (xh. Sgt. Mifsud).

*L-appellant qal li hu ma applikax il-brakes,* għax ma sopponix li minn ġenb wieħed Gauci kien sejjer imur fuq *il*-ġenb l-ieħor — *Il-Qorti* għamlitlu din id-domanda —

"Hu mar in-naħa l-oħra għaliex kont sejjer fuqu?"

u l-appellant irrisponda —

"Iva, imma jien ma bsartx".

*Issa, kien ikun verament straordinarju kieku wieħed* kellu jgħid, jew isostni, li persuna, li tkun qegħda tara motorcycle ġej għal fuqha, tibqa' immobilizzata, ammenokkè ma jimmobilizzahiex l-istess terrur li tinkutiha l-imminenza tal-fatalità li tkun sejra ssofri. Hu naturali u *istintiv li, f'ċirkostanzi simili, il-persuna perikolata tipprova, b'mossa disperata,* taverti l-fatalità, billi tisserpeġġa minn naħa għall-oħra;

Ikkunsidrat:

*Xhieda inokulari* tal-investiment ma hemmx ħlief l-appellant u Gauci, għax ix-xhieda jirriferixxu jew għal żmien immedjatament anteċedenti, jew għal żmien immedjatament susseġwenti għall-inċident, meta d-dinamika tas-sinistru kienet ġà fatt kompjut; — kwantu għal Gauci, dan sostanzjal*ment qal* li kien miexi għal affarih, xi erba' (4) piedi 'l bogħod

mill-ħajt tax-xellug, sejjer għar-Rabat, f'daqqa waħda laħaq fuqu bħal berqa l-appellant bil-motor-cycle, u korrih;

Ikkunsidrat:

Id-difiża għamlet enfasi fuq iċ-ċirkostanza li Gauci kien distratt. Bħala fatt deher li Gauci qal lil Cutajar, li kellmu l-isptar, u staqsih xi ġralu —

"Lanqas jien stess ma naf, għandi vizzju nixxengel ftit".

*Konfrontat b'din il-parti tax-xhieda ta'* Cutajar, l-appellant qal —

"Għidtlu li jien kont miexi aljenat".

Ikkunsidrat:

Issa, din iċ-ċirkostanza ma hijiex ta' ebda ġjovament għall-appellant, għaliex Gauci ma kienx, fil-mument rilevanti, qiegħed jagħmel xi mossa li tirrikjedi ċertu grad ta' attenzjoni, — ma kienx, per eżempju, qiegħed jaqsam it-triq, jew joħroġ minn wara xi kantuniera. Kien, invece, miexi fil-berah, pjenament viżibili, għad-dritt. Lanqas hu l-każ li hu *niżel, inavvedutament u inaspettatament, minn fuq il-banki-na quddiem karozza* jew veikolu, *kif inhu l-każ prospettat fil-*Gibb, Trial of Motor Car Accident Cases, ta' persuna li "while standing *on the pavement* suddenly steps off in front of the vehicle" (sec. 55). Għalhekk, il-fatt li Gauci kien aljenat, **fil-fattispeċje,** ma kienx ta' ebda importanza, għax il-konduċent ta' veikolu għandu ugwalment l-obbligu li *joqgħod* attent għall-pedestrian li contuttokè distratt, eppure ma jkun għamel ebda mossa li ssorprendiet lid-driver. Osservaw assennatament l-awturi fuq imsemmijin, Perseo u Guerrieri, paġ. 323, illi "il pedone... non è un condannato a morte per la sua dis-

trazione, o per la sua inesperienza" u jkompli jgħid li d-driver ma jistax "elevarsi a suo carnefice o giustiziere";

Għalhekk, ebda kolpa konforrenti, a multo minus, ebda kolpa assorbenti jew esklusiva, ma ġiet pruvata għak-kariku tal-investit Gauci;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti, invece, tirravisa l-kolpa tal-appellant. Bħala utent tat-triq pubblika hu kien fis-sitwazzjoni hekk indikata mill-Bishop (awtur ċitat ta' spiss fil-Qrati tagħna fil-passat) Vol. II, Commentaries on the Criminal Law, para. 698 —

"If one is using a public way...he is under an obligation, which the law recognises, to use the way with care". L-istess jgħid il-Gibb loc. cit. para. 53 "The driver is required to keep a reasonably careful lookout for other road-users, including, of course, pedestrians". Ikompli jgħid l-istess awtur para. 54 — "the duty to look implies the duty to see what is in plain view" — F'dan il-każ, il-ħin kien is-siegħa ta' wara nofs inhar, u l-pedestrian Gauci ma kienx moħbi bl-ebda mod b'xi veikoli oħra jew b'xi kantunieri, imma kien pjenament viżibili. — L-appellant, avolja kif stqarr hu lemaħ lil Gauci minn erbgħin (40) pied bogħod, baqa' għaddej, u ma applikax il-brakes, u kif qal Gauci lis-Surġent Mifsud, baqa' dieħel ġo fih bħal berqa. L-appellant kien isuq bit-tletin (30), jew ħamsa u tletin (35) mil fis-siegħa, skond ma stqarr hu stess fix-xhieda tiegħu. Hu dubbjuż jekk kienx iżomm għat-tempo b'dak l-ispeed, anki kieku applika l-brakes, għaliex, skond it-tavoli pubblikati għat-tergo tal-Highway Code fir-reprint tal-1959, bi speed ta' tletin (30) mil fis-siegħa, meta titqies dik li fir-reazzjoni tad-driver, tissejjaħ it-"thinking distance", li ma tulha l-veikolu jipperkorri, b'dak l-ispeed, tletin (30) pied, tibqa' l-"braking distance", li [illegible]

(45) pied, — b'kollox ħamsa u sebgħin (75) pied, — imma, almenu, kieku applika l-brakes l-appellant kien juri ċertu kontroll tal-veikolu, u kien talvolta jnaqqas l-effetti tal-investiment. Minbarra hekk, anki jekk, kif ġie ritenut mill-ewwel Qorti, u għalhekk ma jistax jiġi aktar diskuss, l-appellant ma kienx qed jeċċedi li speed limit regolamentari, u anki jekk, ukoll kif irritenit l-ewwelQorti, u issa ma jistax jiġi aktar diskuss, in sedi kriminali, is-sewqan tiegħu ma kienx perikoluż, eppure dak is-sewqan kien ċertament imprudenti da parti tiegħu, għax *kien imprudenti li jsuq b'dak l-ispeed fi triq li*, skond ix-xhud Antonio Camilleri, fiha xi ftit liwi, jew kif esprima ruħu s-Surġent Mifsud, li fiha hemm kurva li żżid, — kurva li hi murija fl-isketch. L-effett ta' dik il-kurva jista' jkun ukoll li tiġi ritardata l-apertura tal-viżwali, — fattur li jimponi grad akbar ta' attenzjoni. Gauci xejn ma kien qed jagħmel li seta' ssorprenda lill-appelant, — hu ma ħariġx minn wara xi vettura oħra, jew minn wara xi kantuniera, imma kien għal *kollox visibili. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi* jidher ċar li l-appellant ma kienx qed isuq b'dik prudenza li teħtieġ, ma kienx qed iżomm a **proper look-out**, u ma kellux il-padronanza tal-veikolu, b'mod li jista' jevita passant li, **alla fin dei conti**, ma kienx qed jagħmel xejn ħlief jimxi għad-dritt fit-triq. — Jidhru li huma għap-propositu l-kliem tal-Qorti tal-Cassazione Taljana, fis-sentenza tagħha tal-ħmistax (15) ta' Mejju 1953, riportata fil-Ġurisprudenza Completa della Cassaz. Penale 1953, Vol. III, Bm, 192, 2342, —

> "E' evidente in tale caso il nesso di causalità tra il comportamento dell'agente e l'investimento, perchè nella guida di autoveicoli il conducente deve sempre procedere con attenzione, e non con quella noncuranza di tutto e di tutti, così comune a tanti motociclisti, al fine di avvertire tempestivamente gli eventuali ostacoli sul cammino, e al fine di evitare le dannose conseguenze che possono *derivare dal non essere in grado di fronteggiare le sit-*

uazioni che si presentano molteplici...

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li t-terminu tas-sospensjoni tal-liċenzja jibda jgħaddi minn nhar it-tnejn tlieta (3) ta' Ġunju 1963.